MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 366/1998/1

**B & M (Supplies) Limited**

**vs**

**John Seychell**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandhux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ erba mitt lira (Lm400) import ta’ erba kambjali, li fotokopja taghhom hija annessa mal-avviz u markata bhala Dokumenti 1, 2, 3, u 4 u li d-data tal-maturita taghhom skadiet.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzonijiet tal-konvenut (fol 15 tal-istess atti) u li biha eccepixxa:-

Illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi fl-ewwel lok il-konvenut ma ghandux jaghti l-ammont kollu indikat fl-avviz u inoltre fit-tieni lok l-oggett mibjugh u ikkonsenjat ma kienx tal-kwalita pattwita.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak dikjarat a fol 30 tal-istess atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi minnufih ghandu jigi notat li <u>Damien Mallia</u> (fol 22 ibid) in rappresentanza tas-socjeta' attrici xehed illi, in rigward il-kambjalijiet in esami "…ma gewx onorati il-kambjalijiet bin-numru 10, 11 u 12 li ser nesebixxi issa stess fl-original (ara fol 24 ibid). Ghalhekk, hu ikkonferma li l-ammont dovut mill-konvenut kien <u>Lm265 u mhux Lm400</u>, kif miktub fl-avviz in esami.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-<u>konvenut</u> (fol 28 ibid) jsostni li l-istess kambjalijiet jirreferi ghal xiri, da parti tieghu "ta' madum tal-aqwa kwalita" ossija "tal-prima". Pero, mal-konsenja, hu induna li l-istess madum ma kienx ta' din il-kwalita' miftehma ghar-ragunijiet specifikati fl-istess xhieda. Ghalhekk, permezz ta' telefonata, hu informa is-socjeta attrici "….. li jekk, fi zmien gimgha, ma jigix ghandi sabiex jiehdu lura l-madum, jiena kont ser inqeghdu fuq il-post" ghar-raguni ukoll specifikata fl-istess xhieda. Filfatt, dan il-madum tpogga fil-post mill-istess konvenut. Fl-istess xhieda, l-konvenut allega ukoll li s-socjeta attrici kienet debitrici lejh fis-somma ta' Lm200 dovuta ghal xoghol esegwit fuq inkarigu moghti ilu mill-istess socjeta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, filwaqt li jigi ripetut li l-azzjoni kambjarja hi minn natura taghha stess awtonoma mill-obbligazzjoni relattiva issir referenza ghall-artikoli 198(1) u (2) tal-Kodici tal-Kummerc fejn jinghad, specifikatament, "L-eccezzjonijiet li huma persunali ghall-pussessur ma jistghux idewmu l-hlas taghha jekk ma jkunx likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja" u "Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jehtiegu ezami fit-tul , is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha u sadanittant il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija, jew minghajrha, skond ma jidhrilha l-Qorti, ma ghandiex tkun imdewma".

Illi, fil-kaz in desamina, jidher evidenti li, l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut bl-ebda mod ma hi likwida oltre li ma tantx tista tinqata malajr f'din il-kawza in vista li jkun jehtieg aktarx, indagni ta' natura teknika.

Illi ghalhekk is-smiegh ta' tali eccezzjoni, jrid jsir f'kawza separata l-istess jinghad dwar dak li allega fix-xhieda tieghu izda mhux eccepit minnu vis-à-vis tpacija "in parte".

(Ara in rigward dan "Anthony Abela nomine vs John Borg" decisa mill-Qorti tal-Kummerc fis-7 ta' Mejju 1973 kif ukoll "Louis Galea nomine vs Alfred Bartolo" decisa mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru 1968 u Aldo Vella nomine vs Vincent Lofaro pro et nomine decisa mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Marzu 1977, "Dr Franco Depasquale nomine vs Paul Gladwish" nomine decisa mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' April 1978 u "Dr Giovanni Bonello nomine vs Joseph Farrugia pro et noe" decisa mill-Qorti tal-Kummerc fit-3 ta' Novembru 1983).

Illi, ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa "in parte" it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' Lm265 bl-imghaxijiet legali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala esebita in atti a fol 24 sad-data tal-pagament effettiv.  In rigward l-ispejjes, dawn jithallsu kwantu ghal

terz (1/3) mill-attur u kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenut.

Alan Calleja
Deputat Registratur